

# Il-Knisja ta' Santa Marija "tal-Blat" f'Ħal Qormi

*Kitba tas-Sur Roderick Busuttil, ritratti tas-Sa Caroline Busuttil (www.kappellimaltin.com)*

*Id-devozzjoni lejn Sidtna Marija f'pajjiżna tiżboq lid-devozzjonijiet lejn qaddisin oħra. Dan jixduh kemm in-numru sabiħ ta' parroċċi ddedikati lil xi titlu Marjan, kif ukoll dediki ta' kappelli u knejjes żgħar li hawn mxerrdin ma' kull rokna ta' pajjiżna. F'dan l-artiklu sejrin nitkellmu fuq il-Knisja ta' Santa Marija "tal-Blat" f'Ħal Qormi.*

Fl-inħawi ta' wara l-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi, insibu knisja ċkejkna ddedikata lil Santa Marija magħrufa l-aktar bħala "*tal-Blat*". Il-knisja hija magħrufa b'dan il-laqam għar-raġuni li fl-inħawi tal-knisja l-blat kien jidher fil-wiċċ.

**Oriġini**

Jidher li din il-knisja nbniet għall-ewwel darba fil-bidu tas-seklu sittax. L-ewwel darba li tissemma hu fl-atti taż-żjara ta' Monsinjur Pietru Dusina fl-1575. Dusina kien sabha nieqsa minn bosta ħwejjeġ fosthom bibien tal-injam, paviment, rettur u bżonnijiet oħra biex tiffunzjona bħala knisja. Fiha kien hemm altar wieħed. Ċertu Nikola Camilleri kellu xi artijiet fl-inħawi msejħa "Taħarra" jew "Ta' Ħarra" taħt kundizzjoni li jiċċelebra l-festa f'din il-knisja flimkien mal-vespri, li ssir quddiesa u wkoll tingħata karità lil erba' foqra tal-parroċċa. Dusina kien ordna lil Camilleri biex jagħmel il-bibien u affarjiet oħra meħtieġa. Kellu wkoll jiċċelebra l-funzjonijiet tal-knisja fil-Parroċċa ta' San Ġorġ sakemm isir ix-xogħol meħtieġ.





**Il-Knisja terġa' tinbena mill-ġdid**

Jidher li minkejja li Dusina kien talab lil Camilleri biex jirrinova lil din il-knisja, fl-1601 meta kien sar prokuratur tagħha Agostino Galdes din kienet fi stat ħażin ħafna. Fl-1634 kien ingħatalha benefizzju ta' renta minn Paoluccio Galdes biex isiru numru ta' quddies matul is-sena. Dawn kienu jinkludu: quddiesa kantata fil-jum tal-festa fil-15 ta' Awwissu u li jsir il-kant tal-għasar; tliet quddisiet f'nhar il-Milied u quddiesa kull nhar ta' Tnejn. L-ispejjeż ta' dawn kollha kienu jitħallsu mill-qbiela tal-għalqa li kien fiha kejl ta' tomnejn raba li qiegħda fit-Triq tal-Imrieħel imsejħa 'id-Dwejra'. Dawn ġew imħollija bħala dmir minn dan Paoluccio Galdes kif jidher fl-atti tan-Nutar Lucio Azzopardi u kellu jieħu ħsiebhom il-prokuratur tal-legati tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.

Għaxar snin wara, fl-1644, il-knisja reġgħet inbniet u din hija il-knisja li għadna naraw illum.

**Deskrizzjoni tal-Knisja minn barra u minn ġewwa**

Din il-knisja għandha faċċata sempliċi. Il-bieb prinċipali hu mdawwar bi gwarniċa mmullata li fin-naħa ta' fuq tagħha għandha xi dekorazzjonijiet. Fuq il-bieb insibu t-tieqa tonda jew "oculos" iddekorata b'forma ta' salib. Il-knisja għandha wkoll kampnar f'nofs il-frontispizzju tal-faċċata. Fiha nsibu qanpiena ċkejkna li fuqha hemm skolpit l-isem "Giacomo". Fuq in-naħa ta' fuq tal-kampnar naraw ukoll salib tal-ġebel. Fuq il-faċċata bejn it-tieqa t-tonda u l-kampnar naraw statwa żgħira ġo niċċa li turi lil Marija Assunta ġo fiha. Ma' ġenb



din in-niċċa hemm skolpita d-data 1646, li tista' tkun id-data ta' meta tlestiet jew inkella meta ġiet imbierka il-knisja meta nbniet mill-ġdid. Fil-ġenb tal-faċċata naraw numru ta' mwieżeb għall-ilma tax-xita. Il-knisja għandha wkoll zuntier żgħir quddiemha.

Minn ġewwa l-knisja minkejja li hi ċkejkna hi ħelwa ħafna. Il-knisja għandha saqaf troll u art tal-madum antik Malti. Il-knisja għandha altar wieħed li fih naraw kwadru ta' Marija Assunta tiela' s-sema, u li qed tiġi nkurunata minn żewġ anġli. Sfortunatament ma nafux minn pitter dan il-kwadru. Għalkemm il-kwadru ma fihx il-firma tal-pittur, fin-naħa t'isfel tal-kwadru hemm kitba li tgħid "Fundazione D'Galdies". Dan jindika li x'aktarx dan il-kwadru titulari ta' Santa Marija ġie mħallas minn xi ħadd b'kunjomu D'Galdies. Madwar ras il-Madonna nsibu stellarju ta' tnax il-stilla tal-fidda. Dan l-istellarju kien sar fl-1981 bit-tħabrik tal-Wisq Reverendu Kanonku Dun Michael Zammit. Il-flus kienu nġabru minn benefatturi Qriema ta' dawn l-inħawi "ta' fuq tal-Blat".

Fil-knisja nsibu wkoll imdendlin mal-ħajt l-erbatax-il-kwadru tal-istazzjonijiet tal-*Via Sagra.* Int u dieħel fuq ix-xellug, hemm niċċa żgħira fil-ħajt fejn fiha hemm statwa tal-*Ecce Homo.* Int u dieħel fuq il-lemin, hemm ukoll fonti tal-ilma mbierek. Dan huwa maħdum fl-irħam. Fil-knisja insibu wkoll kwadri tal-Madonna tad-Duluri, San Ġorġ Preca u ieħor tal-Qalb ta' Ġesù. Naraw ukoll Kurċifiss li hu sabiħ tassew.

**Is-Sagristija**

Din il-knisja, għalkemm ċkejkna, għandha wkoll sagristija mdaqqsa. Ta' min isemmi li fil-passat f'din is-sagristija kienet tintuża biex fiha jsir it-tagħlim tad-duttrina lill-bniet, peress li din il-knisja kienu jieħdu ħsiebha l-membri tal-MUSEUM.

F'din is-sagristija naraw taraġ bi 22 medda biex minnu tkun tista' titla' għal kamra ta' fuq tas-sagristija li fiha jinżamm id-damask u l-armar l-ieħor tal-festa marbuta ma' din il-knisja kif ukoll biex tkun tista' tgħaddi għal fuq il-bejt tal-knisja. F'nofs dan it-taraġ hemm kwadru sabiħ ta' San Pawl.

**Statwa ta' Santa Marija**

Fil-pjazzetta ta' quddiem il-knisja hemm statwa fuq pedestall iddekorat ħafna li turi lil Marija Assunta. Din tagħti dehra ferm sabiħa lill-inħawi. Din l-statwa hija minquxa fil-ġebla Maltija imma l-iskultur tagħha mhux magħruf. Ir-residenti ta' madwar l-inħawi ta' "fuq tal-Blat" jieħdu ħsieb sewwa din l-istatwa u jżommuha fi stat tajjeb ħafna.






*L-okkażjoni tat-tberik tal-frieghi taż-żebbuġ nhar Ħadd il-Palm li jsir quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Blat*

B'digriet mogħti mill-Isqof Qormi Monsinjur Carmelo Scicluna, hemm konċessoni ta' 40 jum indulġenza lil min jgħid Salve Regina quddiemha. Dan id-digriet kien ħareġ nhar it-3 ta' Frar tal-1885.

**Ħadd il-Palm u din il-knisja**
Ta' kull sena f'Ħadd il-Palm filgħodu toħroġ proċessjoni solenni mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri lejn din il-knisja bis-sehem tal-fratelli u l-kleru tal-kolleġjata Ġorġjana. Il-purċissjoni tkun immexxija mil-Arċipriet tal-parroċċa u jsir it-tberik tal-frieghi taż-żebbuġ fuq iz-zuntier tal-knisja. Minn hemm il-purċissjon tmur lura lejn il-knisja Arċipretali fejn imbagħad tibda l-Quddiesa Solenni ta' Ħadd il-Palm li tagħti l-bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Il-festa tal-Assunta**
Ta' kull sena ukoll f'din il-knisja ssir il-festa ta' Santa Marija u din tiġi ċċelebrata żewġt iĦdud wara l-ħmistax t'Awwissu. Il-knisja fiha l-armar kollhu meħtieġ li jista' jkollha knisja, inklużi damask, gandlieri u fjuretti. Il-festa ssir billi fil-għaxija ssir quddiesa solenni fil-kappella u wara tingħata l-barka sagramentali. Fil-pjazza ta' quddiem il-knisja l-kumitat tal-festi esterni tal-parroċċa ta' San Ġorġ Martri jieħu ħsieb li mhux biss jarma din l-istess pjazza bid-dawl u b'xi liedna, imma wkoll li ssir fiera, kemm lejlet u kif ukoll nhar il-festa. Ma jonqosx ukoll xi ftit nar tal-art jew ġiġġifogu. In-nies ta' dawn l-inħawi tattendi bi ħġarha għal din il-festa ċkejkna imma ħelwa.

Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u riċentament ġiet irrestawrata minn barra kif ukoll minn ġewwa. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ħa ħsieb biex jagħti dawra lil din il-pjazzetta u x-xogħol li sar ta dehra verament sabiħa lil dawn l-inħawi. Fil-knisja ma jsirx quddies għajr dik fil-festa tal-Assunta.

***Referenzi***


1. Kitbiet ta' Bro. George Micallef u Carmel Bianchi
2. Sit www.kappellimaltin.com
3. 'Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo' - Achille Ferres
4. 'Marian Devotions in The Islands of St Paul' editjat mill-Kanonku Vincent Borg